Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna de ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.
Swipe to change

il-Ġermaniż

Spejjeż

Ġermanja

Din il-paġna tipprovdi informazzjoni dwar l-ispejjeż legali fil-Ġermanja.

Il-liġi tal-familja — id-divorzju
Il-liġi tal-familja — il-kustodja tat-tfal
Il-liġi tal-familja — il-manteniment
Id-dritt kummerċjali — il-kuntratti
Id-dritt kummerċjali — ir-responsabbiltà

Qafas regolatorju li jirregola t-tariffi tal-professjonijiet legali

L-avukati

Il-Ġermanja għandha professjoni waħda ta' "avukat" (*Rechtsanwalt*) u ma tagħmilx distinzjoni bejn avukati, solicitors, barristers u advocates.
Fil-Ġermanja, l-onorarji tal-avukati jiġu imposti skont l-Att dwar ir-Remunerazzjoni tal-Avukati (*Rechtsanwaltsvergütungsgesetz*) (RVG) jew inkella abbażi ta' ftehimiet dwar l-onorarji. Fil-prinċipju, il-ftehimiet dwar l-onorarji huma dejjem possibbli bħala alternattiva għall-imposti statutorji. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 49b tal-Kodiċi Federali tal-Avukati (*Bundesrechtsanwaltsordnung*) (BRAO) u l-Artikoli 3a sa 4b tal-Att dwar ir-Remunerazzjoni tal-Avukati jridu jiġu rrispettati. B'mod partikolari, jekk l-avukat jirrappreżenta lill-klijent fil-qorti, l-onorarji miftiehma ma jistgħux ikunu inqas minn dawk stipulati mil-liġi. Remunerazzjoni ogħla minn dik preskritta mil-liġi tista' tiġi miftiehma fi kwalunkwe mument.
L-**iskeda ta' remunerazzjoni** mehmuża mal-RVG (l-Anness 1 tal-RVG) tistabbilixxi **onorarji fissi** jew inkella **firxiet ta' onorarji** applikabbli għall-attivitajiet individwali. Il-livell tal-onorarji normalment jiġi ddeterminat b'referenza għall-**valur tat-talba**. Il-firxiet ta' onorarji bbażati fuq il-valur tat-talba jistipulaw ir-rati massimi u minimi tal-onorarji pagabbli. Il-livelli attwali tal-onorarji bbażati fuq il-valur tat-talba huma stabbiliti fit-tabella tal-onorarji (l-Anness 2 tal-RVG). F'kull każ, l-onorarji xierqa mill-firxa stabbilita jridu jiġu ddeterminati *ex aequo et bono*, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha, b'mod partikolari l-ambitu u d-diffikultà tax-xogħol involut, l-importanza tal-kawża u l-introjtu u ċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-klijent. Jekk l-avukat iġarrab riskju partikolari ta' responsabbiltà, dan jista' jitqies ukoll fil-valutazzjoni tal-onorarji tiegħu. Firxiet ta' onorarji b'ammonti massimi u minimi statutorji japplikaw f'għadd ta' oqsma speċjali, b'mod partikolari kawżi kriminali u materji tad-dritt soċjali.

Uffiċjali ġudizzjarji

L-uffiċjali ġudizzjarji (*Gerichtsvollzieher*) jimponu biss it-tariffi stipulati fl-**Att dwar it-Tariffi tal-Uffiċjali Ġudizzjarji** (*Gerichtsvollzieherkostengesetz*) (GvKostG). Tiġi stabbilita **tariffa fissa** għal kull attività individwali mwettqa mill-uffiċjal ġudizzjarju.

Spejjeż fissi

Spejjeż fissi fil-proċedimenti ċivili

Spejjeż fissi għall-partijiet fil-kawża fil-proċedimenti ċivili

Normalment, il-qorti tirċievi **tariffa tal-qorti**, ikkalkulata skont **il-valur tat-talba**. F'**kawżi ċivili**, tiġi ddeterminata mill-**Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti** (*Gerichtskostengesetz*) (GKG) u l-**Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti (Materji Familjali)** (*Gesetz über Gerichtskosten in Familiensachen*) (FamGKG). Ir-rati tat-tariffi huma stabbiliti fl-iskeda tal-ispejjeż (l-Anness 1 tal-Att rilevanti). It-tariffi huma stabbiliti skont il-valur tat-talba fit-tabella tat-tariffi (l-Anness 2 għall-att rilevanti).
Għal proċedimenti ċivili ġenerali u dawk li jikkonċernaw il-kunflitt familjari, b'mod partikolari għall-kwistjonijiet relatati mal-manteniment, ir-rata tat-tariffi hija ta' **3.0**. Għall-kwistjonijiet matrimonjali hija **2.0** u għall-kwistjonijiet relatati mat-tfal, inklużi l-kustodja u l-aċċess tal-ġenituri, ir-rata tat-tariffi hija ta' **0.5**. Il-valur tal-proċedimenti jiġi ddeterminat kif ġej:
Għall-**kwistjonijiet matrimonjali**, il-valur tal-proċedimenti jiġi ddeterminat skont id-diskrezzjoni tal-qorti abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ individwali, b' mod partikolari l-iskala u l-importanza tal-kwistjoni, u l-introjtu u l-ġid relattivi tal-konjuġi. L-introjtu jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' tliet darbiet l-introjtu nett taż-żewġ konjuġi. Normalment, il-qorti tistabbilixxi l-valur tal-proċedimenti għal tliet darbiet l-introjtu nett.
Għall-**kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kunflitt familjari**, il-valur normalment jiddependi fuq il-valur tat-talba. Għall-**kwistjonijiet ta' manteniment**, il-valur huwa bbażat fuq il-pagamenti ta' manteniment futuri mitluba, l-aktar l-aktar l-ammont għal sena. L-arretrati akkumulati sal-mument li fih tkun ġiet ippreżentata t-talba huma inklużi fil-kalkolu.
Għall-**kwistjonijiet relatati mat-tfal**, inklużi l-kustodja u l-aċċess tal-ġenituri, ir-rata tat-tariffi hija ta' EUR 3 000.
Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim, it-**tariffi għar-rappreżentanza tal-qorti minn avukat jiġu kkalkulati abbażi tal-valur tat-talba**. Il-valur tat-talba normalment jikkorrispondi għall-valur tal-proċedimenti li jiġi stabbilit sabiex jiġu ddeterminati t-tariffi tal-qorti. L-RVG jistabbilixxi preċiżament liema tariffi jistgħu jiġu kkalkolati b'liema rata għal liema tip ta' proċedura. L-Anness 2 tal-RVG jistabbilixxi t-tariffi skont il-valur tat-talba. Għall-prim'istanza tal-materji ċivili, l-avukati normalment jirċievu **tariffa tal-qorti** ta' **1.3**darbiet ir-rata u **tariffa tal-konsultazzjoni** ta' **1.2** darbiet ir-rata. Għall-ftehim ta' **riżoluzzjoni** fil-prim'istanza, l-avukat jirċievi **tariffa tar-riżoluzzjoni** b'rata ta' **1.0**.

L-istadju tal-proċedimenti ċivili li fih iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

Għall-**materji ċivili ġenerali, materji ta' manteniment u materji maritali**, it-tariffi tal-qorti jitħallsu malli **jitressaq ir-rikors jew tiġi ppreżentata t-talba**. Għall-**materji familjali**, dawn jitħallsu **fi tmiem** il-proċedimenti. Sakemm ma jkunx sar ftehim ieħor, l-avukati jiġu remunerati għas-servizzi mogħtija meta jiġi fi tmiemu l-inkarigu tagħhom. Madankollu, huma għandhom id-dritt statutorju għal ħlas bil-quddiem.

Spejjeż fissi fil-proċedimenti kriminali

Spejjeż fissi fil-proċedimenti kriminali

F'kawżi kriminali, l-ispejjeż tal-qorti jiġu imposti biss ladarba tinqata' **s-sentenza** finali. Il-livell tat-tariffa jiġi ddeterminat b'referenza għall-penali impost u jvarja bejn **EUR 140** u **EUR 1 000** fil-prim'istanza. L-avukati li magħhom ma tkun ġiet miftiehma l-ebda tariffa huma intitolati, kemm bħala avukati tad-difiża kif ukoll bħala rappreżentanti ta' partijiet interessati oħra, li jitolbu tariffi skont qafas stabbilit.

L-istadju tal-proċediment kriminali li fih iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

L-ispejjeż tal-qorti jkunu jridu jitħallsu **wara li tingħata s-sentenza finali**. Sakemm ma jkunx hemm ftehim ieħor, l-avukati jiġu remunerati għas-servizzi mogħtija fi tmien il-mandat tagħhom. Madankollu, huma għandhom id-dritt statutorju għal ħlas bil-quddiem.

Spejjeż fissi fil-proċedimenti kostituzzjonali

Spejjeż fissi għall-partijiet fil-kawża fil-proċedimenti kostituzzjonali

Bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe dritt applikabbli għal rikors vessatorju, ma hemm l-ebda spiża tal-qorti għall-proċedimenti quddiem il-Qorti Federali Kostituzzjonali (l-Artikolu 34 tal-Att dwar il-Qorti Kostituzzjonali Federali (*Bundesverfassungsgerichtsgesetz*)). Is-servizzi ta' avukat għandhom jinżammu biss jekk ikun hemm seduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Federali (l-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Qorti Kostituzzjonali Federali).

L-istadju tal-proċedimenti kostituzzjonali li fih iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

Sakemm ma jkunx hemm ftehim li jgħid mod ieħor, ir-remunerazzjoni tal-avukati, fil-prinċipju, titħallas malli **jintemm l-inkarigu tagħhom**. Madankollu, huma għandhom id-dritt statutorju għal ħlas bil-quddiem.

Informazzjoni li trid tingħata minn qabel mir-rappreżentanti legali

Drittijiet u obbligi tal-partijiet

L-avukat huwa obbligat jagħti lill-klijenti **pariri u informazzjoni kompluta**, u jrid jissuġġerixxi lill-klijenti l-iktar mezzi sikuri u l-inqas perikoluži sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq. L-avukati jridu wkoll jiġbdu l-attenzjoni tal-klijent għal **kwalunkwe riskju** involut fil-kwistjoni, sabiex il-klijent ikun f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni mija fil-mija informata. L-ammont ta' informazzjoni li għandha tingħata tiddependi mill-perċezzjoni tal-avukati ta' dak li l-klijent jeħtieġ li jkun jaf. L-avukati jridu **jwieġbu l-mistoqsijiet tal-klijenti b'mod sħiħ u veritier**. Qabel ma l-kawża titla' l-qorti, l-avukati jridu jispjegaw b'mod ċar il-prospetti u r-riskji involuti meta ssir kawża fil-qorti. Dan jinkludi kemm ir-riskji b'rabta mal-ispejjeż kif ukoll il-prospetti ta' suċċess.

L-avukati għandhom **obbligi speċjali li jipprovdu informazzjoni** f'ċerti każijiet:

Jekk l-onorarji tal-avukati jkunu bbażati fuq **il-valur tat-talba**, huma jkunu obbligati li jiġbdu l-attenzjoni għal dan il-fatt qabel ma jingħataw struzzjonijiet biex jaġixxu (l-Artikolu 49b(5) tal-Kodiċi Federali tal-Avukati).

Jekk **jintlaħaq ftehim dwar ir-remunerazzjoni tal-avukati**, dawn iridu jindikaw li, jekk jiġu aġġudikati l-ispejjeż, l-onorarji statutorji biss jiġu rimborżati (l-Artikolu 3a(1), it-tielet sentenza tal-Att dwar ir-Remunerazzjoni tal-Avukati).

Jekk l-avukati jiftiehmu mal-klijent li se jingħataw **ħlas ta' kontinġenza**, iridu jiġbdu l-attenzjoni tal-klijent għall-fatt li l-ftehim ma għandu l-ebda effett fuq kwalunkwe spiża oħra li l-klijent jaf ikollu jħallas (l-Artikolu 4a(3), it-tieni sentenza tal-Att dwar ir-Remunerazzjoni tal-Avukati).

Qabel ma jikkonkludu ftehim biex jirrappreżentaw lil klijent fil-proċedimenti quddiem **tribunal industrijali**, l-avukati jridu jiġbdu l-attenzjoni tal-klijent għall-fatt li l-ispejjeż tagħhom mhumiex rimborżabbli (l-Artikolu 12a(1), it-tieni sentenza tal-Att dwar it-Tribunali Industrijali (*Arbeitsgerichtsgesetz*)).

Kif jiġu stabbiliti l-ispejjeż – bażi legali

Fejn nista' nsib informazzjoni b'rabta mal-leġiżlazzjoni dwar l-ispejjeż fil-Ġermanja?

Tista' tikseb it-testi tal-liġijiet li jikkonċernaw l-ispejjeż mill-ħwienet tal-kotba jew minn fuq l-internet, fejn huma disponibbli l-verżjonijiet l-iktar reċenti u mingħajr ħlas.

B'liema lingwi nista' nikseb informazzjoni rigward il-leġiżlazzjoni dwar l-ispejjeż fil-Ġermanja?

L-informazzjoni tkun bil-Ġermaniż.

Fejn nista' nsib informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż?

Informazzjoni online dwar l-ispejjeż

L-aħħar verżjonijiet tal-liġijiet huma aċċessibbli mis-sit web tal-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur (Bundesministerium der Justiz und für Verbraucherschutz). Id-diversi liġijiet dwar l-ispejjeż jistgħu jitniżżlu billi tiddaħħal l-abbrevjazzjoni rilevanti (GKG, FamGKG, GvKostG u RVG).

Minn fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medja ta' tul ta' żmien li jieħdu proċeduri differenti?

L-Uffiċċju Federali tal-Istatistika (Statistisches Bundesamt) jipproduċi **serje annwali ta' pubblikazzjonijiet statistiċi** dwar l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. **Is-Serje 10, is-sottoserje 2.1**, pereżempju, tinkludi *data* dwar **it-tul tal-proċedimenti ċivili mal-Ġermanja kollha**, analizzata skont il-*Land* individwali u d-distrett tal-Qorti Reġjonali Superjuri (Oberlandesgericht). Tiġi pprovduta *data* separata għall-Qrati Lokali (Amtsgerichte) u għall-Qrati Reġjonali (Landgerichte), minn naħa waħda, u l-Qrati Reġjonali Superjuri, min-naħa l-oħra, kif ukoll għall-proċedimenti fil-prim'istanza u fit-tieni istanza. Is-serje ma tinkludix statistika dwar it-tul ta' żmien li jieħdu l-proċedimenti f'tipi differenti ta' kawżi.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar l-ispiża medja totali għal tip ta' proċedura partikolari?

Jeżistu kotba li jipprovdu dettalji dwar **ir-riskju tal-ispiża medja għall-proċedimenti ċivili**.

It-taxxa fuq il-valur miżjud

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud? X'inhuma r-rati?

Il-qrati u l-marixxalli tal-qrati mhumiex suġġetti għall-VAT. L-avukati jridu jżommu VAT ta' 19%. Din tintalab separatament bħala spiża u mhijiex inkluża fl-onorarji tagħhom.

L-għajnuna legali

Il-livell limitu applikabbli ta' dħul fil-qasam tal-ġustizzja ċivili

L-għajnuna legali tkun disponibbli għal kull min japplika għaliha li, minħabba ċ-ċirkostanzi personali jew finanzjarji tiegħu, ma jkunx jista' jkopri l-ispejjeż tal-proċedimenti jew ikun jista' jkoprihom biss parzjalment jew inkella f'pagamenti rateali. L-azzjoni legali prevista jew id-difiża jrid ikollhom lok raġonevoli għal suċċess u ma jridux ikunu frivoli. Madankollu, il-partijiet fil-kawża jridu jużaw ir-riżorsi tagħhom stess sakemm dan ikun raġonevoli. Abbażi tad-dħul tagħha, parti tista' tingħata għajnuna legali li **ma tridx titħallas lura** jew inkella li **trid titħallas lura f'pagamenti rateali**. Il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur ħareġ fuljett intitolat Pariri Legali u Għajnuna Legali (*Beratungshilfe und Prozesskostenhilfe*), li jwieġeb il-mistoqsijiet frekwenti bl-użu ta' eżempji.

Limitu tad-dħul applikabbli għall-akkużati fil-proċedimenti kriminali

Il-limiti tad-dħul **mhumiex applikabbli** għas-suspettati jew għall-akkużati fil-proċedimenti kriminali. L-għajnuna legali tingħata skont kriterji oħra.

Limitu tad-dħul applikabbli għall-vittmi fil-proċedimenti kriminali

L-għajnuna legali tingħata soġġetta għal limiti **tad-dħul**. Dawn huma flessibbli u jiġu ddeterminati b'referenza għall-ispejjeż antiċipati tal-kawża u għas-sitwazzjoni soċjali tal-kwerelant (obbligi ta' manteniment, spejjeż tad-dar). L-għajnuna legali tista' tingħata wkoll b'obbligu li **titħallas lura f'pagament rateali**.

Kundizzjonijiet oħrajn marbutin mal-għoti tal-għajnuna legali lill-vittmi ta' reati kriminali

Il-vittmi ta' ċerti reati serji jistgħu japplikaw biex ikollhom konsulent legali assenjat lilhom mingħajr ħlas, irrispettivament miċ-ċirkostanzi finanzjarji tagħhom.

Kundizzjonijiet oħrajn marbutin mal-għoti tal-għajnuna legali lill-akkużati

L-għajnuna legali lis-suspettati/lill-akkużati (assenjazzjoni ta' avukat tad-difiża maħtur mill-qorti) mhijiex soġġetta għal-limiti tad-dħul iżda pjuttost għal ċerti **kundizzjonijiet** legali. Dawn huma marbuta primarjament mas-serjetà tar-reat, mat-theddida ta' ċerti konsegwenzi legali (bħall-projbizzjoni ta' pprattikar ta' professjoni jew l-qfil fi sptar psikjatriku jew newroloġiku), jekk l-akkużat jerġax jintbagħat il-ħabs jew ikunx soġġett għal proċedimenti ta' kustodja preventiva, jekk l-avukat tad-difiża preċedenti jkunx ġie sospiż, il-kumplessità tas-sitwazzjoni fattwali jew legali, jew jekk l-akkużat ikunx jista' jiddefendi ruħu.

Proċeduri tal-qorti mingħajr ħlas

Skont **l-Artikolu 183 tal-Att dwar il-Qrati Soċjali** (*Sozialgerichtsgesetz*) (SGG), il-proċedimenti quddiem il-qrati soċjali (Sozialgerichte) ma jinvolvu **l-ebda spiża għall-persuni intitolati għal benefiċċji** (jiġifieri persuni assigurati, persuni fuq benefiċċji inklużi dawk li jieħdu l-benefiċċju tas-superstiti, persuni b'diżabbiltà u d-dipendenti tagħhom, sakemm ikunu involuti fil-kapaċitajiet rispettivi tagħhom fi proċedimenti tal-qorti bħala rikorrenti jew bħala konvenuti). Ir-rikorrenti u l-konvenuti li ma jaqgħux fil-kategoriji msemmija fl-Artikolu 183 tal-SGG iridu jħallsu **tariffa** skont **l-Artikolu 184 tal-SGG** (**EUR 150** għall-proċedimenti quddiem il-Qrati Soċjali, **EUR 225** għall-proċedimenti quddiem il-Qrati Soċjali Reġjonali (Landessozialgerichte), **EUR 300** għall-proċedimenti quddiem il-Qorti Federali Soċjali (Bundessozialgericht)).**L-Artikolu 197a tal-SGG** jipprevedi deroga minn dawn ir-regoli speċjali fejn l-ispejjeż li s-soltu jitħallsu taħt l-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti jkunu applikabbli wkoll fi proċedimenti quddiem il-qrati soċjali, jekk, la r-rikorrent u lanqas il-konvenut f'kawża ma jkunu fost il-persuni msemmija fl-**Artikolu 183 tal-SGG**.

L-arranġamenti li ġejjin japplikaw fil-**proċedimenti kriminali**: jekk l-akkużat ma jinstabx ħati, jew jekk il-ġuri ma jsirx, jew jekk il-proċedimenti kontra l-akkużat jiġu tterminati, l-ispejjeż (in-nefqa pubblika) u l-ispejjeż li bilfors jiġġarbu mill-akkużat, fil-prinċipju, jitħallsu mill-fondi pubbliċi.

Meta trid tħallas l-ispejjeż il-parti telliefa lill-parti rebbieħa?

Il-parti telliefa trid tħallas l-ispejjeż tal-parti l-oħra sa fejn dawn kienu meħtieġa għall-prosekuzzjoni kif suppost tal-litigazzjoni; jiġifieri, **l-ispejjeż u l-onorarji statutorji tal-avukat tal-parti rebbieħa** u l-**ispejjeż tal-ivvjaġġar** tal-parti rebbieħa, inkluż kwalunkwe **telf ta' introjtu** mġarrab minħabba l-attendenza fil-qorti.

It-tariffi tal-periti

Il-periti **msejħa mill-qorti** jirċievu **tariffa bbażata fuq rata fis-siegħa**. It-tariffa hija stabbilita mil-liġi fl-Att dwar ir-Remunerazzjoni u l-Kumpens Ġudizzjarji (*Justizvergütungs- und -entschädigungsgesetz*) (JVEG) u li titħallas mill-partijiet fil-proċedimenti.

L-ispejjeż ta' perit imqabbad **privatament** minn parti biex jipprepara għal-**litigazzjoni mhumiex parti mill-ispejjeż proċedurali**, li r-rimborż tagħhom jiġi stipulat fis-sentenza. Għalhekk, dawn l-ispejjeż iridu **jintalbu separatament**. Jekk il-parti tkun qabbdet perit biex jagħtiha pariri waqt il-litigazzjoni, ir-rimborż jiddependi minn kemm dan kien meħtieġ fil-kawża inkwistjoni. L-ispejjeż ta' perit imqabbad mill-qorti biex jixhed jitħallsu mill-parti li titlef jew, jekk il-partijiet jirbħu biss parzjalment il-kawża, iż-żewġ partijiet iridu jħallsu sehemhom mill-ispejjeż fuq il-baži tal-grad sa fejn rebħu jew tilfu.

It-tariffi tat-tradutturi u tal-interpreti

L-interpreti u t-tradutturi **msejħa mill-qorti** jirċievu tariffa li tkun stabbilita wkoll mill-JVEG u titħallas mill-partijiet fil-proċedimenti. L-interpreti jitħallsu b'**rata fis-siegħa** u t-tradutturi **jitħallsu għal kull linja tradotta**.

Fi **proċedimenti kriminali**, l-ispejjeż tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni għall-konvenuti jew għall-partijiet interessati, sakemm dawn ikunu meħtieġa għad-difiża jew għall-eżerċitar tad-drittijiet proċedurali, jitħallsu mill-fondi pubbliċi.

Links relatati

Il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur
It-Tim ta' Medjazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati Ġermaniżi
L-Assoċjazzjoni Federali għall-Medjazzjoni tal-Familja
L-Assoċjazzjoni Federali għall-Medjazzjoni
L-Assoċjazzjoni Federali għall-Medjazzjoni Ekonomika u Professjonali
Iċ-Ċentru għall-Medjazzjoni (CfM)
L-Ombudsman bankarju privat
L-Ombudsman bankarju pubbliku
Il-Bord ta' Konċiljazzjoni tal-Bundesbank Ġermaniż
L-Ombudsman tal-grupp bankarju kooperattiv Ġermaniż
L-Ombudswoman tas-soċjetajiet tas-sidien tal-proprjetà privata
L-Ombudsman tas-soċjetajiet tal-bini reġjonali
Il-kumitati konsultattivi u l-bordijiet ta' konċiljazzjoni tal-Assoċjazzjoni Medika Ġermaniża
Il-Bord ta' Konċiljazzjoni tal-Mobilità
Il-Bord ta' Konċiljazzjoni tat-Turisti
Il-Bord ta' konċiljazzjoni għat-trasport lokali f'Nordrhein-Westfalen
L-Ombudsman tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa u l-Kura Privata
Il-Bord ta' Konċiljazzjoni tal-Assoċjazzjoni Federali Ġermaniża tad-Diretturi tal-Funerali
Il-Bord ta' Konċiljazzjoni tal-Aġenzija tan-Network Federali
L-Ombudsman tal-Proprjetà Immobbli fl-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Proprjetà Immobbli
Il-Bordijiet ta' konċiljazzjoni tal-kmamar tal-kummerċ u l-industrija
Il-Bord ta' Kunsens għat-Tariffi u l-Għotjiet
L-Assoċjazzjoni Ċentrali tal-Industrija Ġermaniża tal-Vetturi bil-Mutur
L-aktar verżjonijiet reċenti tal-liġijiet Ġermaniżi

Dokumenti relatati

Ir-Rapport tal-Pajjiż mill-Ġermanja rigward l-istudju dwar it-trasparenza tal-ispejjeż PDF (565 Kb) en

L-aħħar aġġornament: 06/09/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju tal-Każ 1 – Il-liġi tal-familja – Id-divorzju – Il-Ġermanja

F'dan l-istudju tal-każ dwar il-liġi tal-familja (d-divorzju), l-Istati Membri ntalbu jinfurmaw lill-parti li tressaq it-talba għad-divorzju dwar l-ispejjeż tal-litigazzjoni fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: koppja tiżżewweġ. Wara jisseparaw u jaqblu li jiddivorzjaw.

Każ B – Sitwazzjoni tranżnazzjonali: Żewġ ċittadini minn Stat Membru A jiżżewġu fi Stat Membru A. Wara ż-żwieġ, il-koppja tiċċaqlaq lejn Stat Membru ieħor (Stat Membru B) fejn jistabbilixxu r-residenza tagħhom. Ftit wara, il-koppja tissepara, bil-mara tmur lura lejn l-Istat Membru A u r-raġel jibqa' fl-Istat Membru B. Il-koppja taqbel li għandhom jiddivorzjaw. Ftit wara li tasal lura fl-Istat Membru A, il-mara tressaq talba għad-divorzju quddiem il-qrati tal-Istat Membru B.

Spejjeż fil-Ġermanja

Spejjeż tal-qrati u l-appelli

Studju ta' każ	il-Qorti	Appelli
	Tariffi inizjali tal-qorti	Tariffi inizjali tal-qorti
Każ A	Jiddependi fuq l-introjtu u l-assi.	Jiddependi fuq l-introjtu u l-assi.
Każ B	Jiddependi fuq l-introjtu u l-assi.	Jiddependi fuq l-introjtu u l-assi.

Spejjeż tal-avukati

Studju ta' każ	Avukat
	Spejjeż medji
Każ A	Jiddependi fuq l-introjtu u l-assi.
Każ B	Jiddependi fuq l-introjtu u l-assi.

Spejjeż għall-kumpens tax-xhieda u l-pleġġ jew is-sigurtà

Studju ta' każ	Kumpens tax-xhieda	Pleġġ jew sigurtà
	Ix-xhieda jiġu kkumpensati?	Dan jeżisti u meta u kif jintuża?
Każ A	Iva, iżda x-xhieda normalment mhumiex meħtieġa.	Le
Każ B	Iva, iżda x-xhieda normalment mhumiex meħtieġa.	Le

Spejjeż għall-għajnuna legali u rimborż ieħor

Studju ta' każ	Għajnuna legali	Rimborż		
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet hija applikabbli?	Il-parti rebbieħa tista' tikseb ir-rimborż tal-ispejjeż tat-tilwima?	Jekk ir-rifużjoni mhix totali x' perċentwali tkun inġenerali?	Hemm drabi fejn għandha l-għajnuna legali tiġi rrimborżata lill-organizzazzjoni tal-għajnuna legali?
Każ A	Jiddependi fuq l-introjtu u l-assi.	Iva	Nofs	Jekk l-introjtu u ċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-persuna jitjiebu u fil-każ ta' ħlas bin-nifs.
Każ B				

Spejjeż tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni

Studju ta' każ	Traduzzjoni		Interpretazzjoni		Spejjeż oħrajn speċifiċi għat-tilwim transfruntier?
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet hija neċessarja?	Spejjeż approssimattivi?	Meta u taħt liema kundizzjonijiet hija neċessarja?	Spejjeż approssimattivi?	Deskrizzjoni
Każ A					
Każ B	Fid-diskrezzjoni tal-qorti.	Normalment EUR 1,55 għal kull 55 ittastjar, flimkien mal-ispejjeż u t-taxxa fuq il-fatturat.	Fid-diskrezzjoni tal-qorti.	EUR 70 fis-siegħa, flimkien mal-ispejjeż u t-taxxa fuq il-fatturat.	Notifika ta' dokumenti barra mill-pajjiż.

L-aħħar aġġornament: 08/11/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju tal-Każ 2 – Il-liġi tal-familja – Il-kustodja tat-tfal – Il-Ġermanja

F'dan l-istudju tal-każ dwar id-dritt tal-familja (il-kustodja tat-tfal), l-Istati Membri ntalbu jinfurmaw lill-parti li tiftaħ il-kawża dwar l-ispejjeż tat-tilwim fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: koppja għexet flimkien għal numru ta' snin mhux miżżewġa. Għandhom wild ta' tliet snin meta jisseparaw. Qorti tagħti l-kustodja tal-wild lill-omm u dritt ta' aċċess lill-missier. L-omm tiftaħ kawża biex tillimita d-dritt tal-missier għall-aċċess.

Każ B – Sitwazzjoni transfruntiera fejn inti avukat fl-Istat Membru A: koppja għexet flimkien għal numru ta' snin mhux miżżewġa fi Stat Membru B. Ikollhom wild flimkien iżda jisseparaw immedjatament wara t-twelid tal-wild. Qorti fl-Istat Membru B tagħti l-kustodja tal-wild lill-omm u d-dritt ta' aċċess lill-missier. L-omm u l-wild imorru jgħixu fi Stat Membru ieħor (l-Istat Membru A) bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, filwaqt li l-missier jibqa' fl-Istat Membru B. Wara ftit snin, l-omm tiftaħ kawża fl-Istat Membru A biex tbiddel id-dritt ta' aċċess tal-missier.

Spejjeż fil-Ġermanja

Spejjeż tal-proċedimenti fl-ewwel istanza jew fl-appell jew għal soluzzjoni alternattiva tat-tilwim

Studju ta' każ	Proċedimenti fil-prim'istanza	Appell
	L-ispejjeż inizjali tal-proċedimenti	L-ispejjeż inizjali tal-proċedimenti
Każ A	EUR 54,00	Appell: EUR 108,00 Appell dwar punt ta' dritt: EUR 162,00
Każ B	EUR 54,00	Appell: EUR 108,00 Appell dwar punt ta' dritt: EUR 162,00

Onorarji ta' avukati, uffiċjali ġudizzjarji u esperti

Studju ta' każ	Avukat		Espert	
	Hemm rekwiżit għal rappreżentanza legali?	Spejjeż medji	Hemm rekwiżit biex jissejjaħ espert?	Spejjeż
Każ A	Le	Tal-Prim'Istanza: EUR 622,00	Fid-diskrezzjoni tal-qorti	EUR 100,00 fis-siegħa, apparti l-ispejjeż u l-VAT
Każ B	Le	Tal-Prim'Istanza: EUR 622,00	Fid-diskrezzjoni tal-qorti	EUR 100,00 fis-siegħa, apparti l-ispejjeż u l-VAT

Kost biex jiġu koperti l-ispejjeż tax-xhieda

Studju ta' każ	Spejjeż tax-xhieda	
	Ix-xhieda huma intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż tagħhom?	Spejjeż
Każ A	Iva	Sa EUR 21 fis-siegħa għall-qligħ mitluf, apparti l-ivvjaġġar u spejjeż oħra
Każ B	Iva	Sa EUR 21 fis-siegħa għall-qligħ mitluf, apparti l-ivvjaġġar u spejjeż oħra

L-ispejjeż tal-għajnuna legali u r-rimborż ta' spejjeż oħra

Studju ta' każ	Għajnuna legali	Rimborż	
	X'inhuma l-kundizzjonijiet?	Il-parti prevalenti tista' titlob l-aġġudikazzjoni tal-ispejjeż tal-litigazzjoni?	Hemm każijiet fejn l-għajnuna legali trid titħallas lura?
Każ A	Skont l-introjtu u l-assi	Iva	Jekk l-introjtu u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuna jitjiebu u fil-każ ta' ħlas bin-nifs.
Każ B	Skont l-introjtu u l-assi	Iva	Jekk l-introjtu u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuna jitjiebu u fil-każ ta' ħlas bin-nifs.

Spejjeż ta' traduzzjoni u interpretazzjoni

Studju ta' każ	Traduzzjoni		Interpretazzjoni		Hemm spejjeż oħra relatati ma' tilwim transfruntier?	
	Meta u f'liema kundizzjonijiet hija meħtieġa t-traduzzjoni?	Spiża approssimattiva	Meta u f'liema kundizzjonijiet hija meħtieġa l-interpretazzjoni?	Spiża approssimattiva	Deskrizzjoni	Spiża approssimattiva
Każ A						
Każ B	Fid-diskrezzjoni tal-qorti	Bil-biċċa l-kbira tal-każijiet, EUR 1,55 għal kull 55 karattru, apparti l-ispejjeż u l-VAT	Fid-diskrezzjoni tal-qorti	EUR 70 fis-siegħa, apparti l-ispejjeż u l-VAT	Spejjeż ta' notifika ta' dokumenti barra mill-pajjiż	

L-aħħar aġġornament: 08/11/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju tal-Każ 3 - il-Liġi tal-familja – il-Manteniment – il-Ġermanja

F'dan l-istudju ta' każ dwar il-liġi tal-familja (il-manteniment), l-Istati Membri ntalbu jinfurmaw lill-parti li tiftaħ il-kawża dwar l-ispejjeż tal-litigazzjoni fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: żewġ persuni ilhom jgħixu flimkien għal numru ta' snin mingħajr ma żżewġu. Ikollhom wild ta' tliet snin meta jisseparaw. Il-qorti tagħti l-kustodja tal-wild lill-omm. L-uniku punt li ma hemmx qbil dwaru jikkonċerna l-ammont li jrid jitħallas mill-missier lill-omm għall-manteniment u għat-trobbija tal-wild. L-omm tiftaħ kawża f'dan ir-rigward.
Każ B – Sitwazzjoni transfruntiera fejn inti avukat fl-Istat Membru A: żewġ persuni ilhom jgħixu flimkien għal numru ta' snin fl-Istat Membru B mingħajr ma żżewġu. Ikollhom wild ta' tliet snin meta jisseparaw. Qorti fl-Istat Membru B tagħti l-kustodja tal-wild lill-omm. Bil-qbil tal-missier, l-omm u l-wild iġorru biex imorru jgħixu fi Stat Membru ieħor (l-Istat Membru A) fejn jibdew ir-residenza tagħhom.
L-uniku punt li ma hemmx qbil dwaru jikkonċerna l-ammont li jrid jitħallas mill-missier lill-omm għall-manteniment u għat-trobbija tal-wild. L-omm tiftaħ kawża f' dan ir-rigward fl-Istat Membru A.

Spejjeż fil-Ġermanja

L-ispejjeż tal-proċedimenti fil-prim'istanza jew fl-appell

Studju ta' każ	Proċedimenti fil-prim'istanza	Appell
	Tariffi inizjali tal-Qorti	Tariffi inizjali tal-Qorti
Każ A Iva	Jiddependi mill-ammont ta' manteniment mitlub	Jiddependi mill-ammont ta' manteniment mitlub
Każ B	Jiddependi mill-ammont ta' manteniment mitlub	Jiddependi mill-ammont ta' manteniment mitlub

L-onorarji tal-avukati, l-uffiċjali ġudizzjarji u l-periti

Studju ta' każ	Avukat		Uffiċjal Ġudizzjarju		Perit	
	Hemm rekwiżit ta' rappreżentanza legali?	Spejjeż medji	Hemm rekwiżit li jkun involut uffiċjal ġudizzjarju?	Spejjeż wara s-sentenza	Hemm rekwiżit li jissejjaħ perit?	Spejjeż
Każ A	Iva	Jiddependi mill-ammont ta' manteniment mitlub	Le	Skont it-tip ta' miżura ta' eżekuzzjoni	Fid-diskrezzjoni tal-qorti	Abbażi tar-rati fis-siegħa. Il-livelli jvarjaw skont il-qasam ta' attività, iżda r-rata massima hija ta' EUR 100, flimkien mal-ispejjeż u l-VAT
Każ B	Iva	Jiddependi mill-ammont ta' manteniment mitlub	Le	Skont it-tip ta' miżura ta' eżekuzzjoni	Fid-diskrezzjoni tal-qorti	Abbażi tar-rati fis-siegħa. Il-livelli jvarjaw skont il-qasam ta' attività, iżda r-rata massima hija ta' EUR 100, flimkien mal-ispejjeż u l-VAT

Spiża biex jiġu koperti l-ispejjeż tax-xhieda

Studju ta' każ	Spejjeż tax-xhieda	
	Ix-xhieda huma intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż tagħhom?	Spejjeż
Każ A	Iva	Sa EUR 17 fis-siegħa għal qligħ mitluf flimkien ma' spejjeż tal-ivvjaġġar u spejjeż oħrajn
Każ B	Iva	Sa EUR 17 fis-siegħa għal qligħ mitluf flimkien ma' spejjeż tal-ivvjaġġar u spejjeż oħrajn

L-ispejjeż tal-għajnuna legali u r-rimborż ta' spejjeż oħrajn

Studju ta' każ	Għajnuna legali	Rimborż	
	X'inhuma l-kundizzjonijiet?	Il-parti prevalenti tista' titlob l-aġġudikazzjoni tal-ispejjeż tal-litigazzjoni?	Hemm każijiet fejn l-għajnuna legali trid titħallas lura?
Każ A	Skont l-introjtu u l-beni	Iva	Jekk ikun hemm titjib fl-introjtu u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuna u fil-każ ta' ħlasijiet bin-nifs.
Każ B	Skont l-introjtu u l-beni	Iva	Jekk ikun hemm titjib fl-introjtu u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuna u fil-każ ta' ħlasijiet bin-nifs.

Spejjeż ta' traduzzjoni u interpretazzjoni

Studju ta' każ	Traduzzjoni		Interpretazzjoni		Hemm spejjeż oħrajn relatati ma' tilwim transfruntier?
	Meta u b'liema kundizzjonijiet tkun meħtieġa t-traduzzjoni?	Spiża approssimattiva	Meta u b'liema kundizzjonijiet tkun meħtieġa l-interpretazzjoni?	Spiża approssimattiva	Deskrizzjoni
Każ A					
Każ B	Fid-diskrezzjoni tal-qorti	Ġeneralment EUR 1.55 għal kull 55 karattru, flimkien mal-ispejjeż u l-VAT	Fid-diskrezzjoni tal-qorti	EUR 70 fis-siegħa, flimkien mal-ispejjeż u l-VAT	Spejjeż ta' notifika ta' dokumenti barra mill-pajjiż

L-aħħar aġġornament: 08/11/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju tal-Każ 4 – Il-liġi kummerċjali – Il-kuntratti – Il-Ġermanja

F'dawn l-istudji tal-każ dwar il-liġi kummerċjali (il-kuntratti), l-Istati Membri ntalbu jagħtu pariri lill-bejjiegħ dwar l-ispejjeż tal-proċedimenti fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: kumpanija tikkonsenja oġġetti b'valur ta' EUR 20 000. Il-bejjiegħ ma jitħallasx għaliex ix-xerrej iqis li l-oġġetti ma jaqblux ma' dak li ġie miftiehem.

Il-bejjiegħ jiddeċiedi li jfittex il-ħlas sħiħ.

Każ B – Sitwazzjoni transfruntiera: kumpanija bbażata fi Stat Membru B tikkonsenja oġġetti b'valur ta' EUR 20 000 lil xerrej fi Stat Membru A. Il-kuntratt huwa miktub bil-lingwa tal-Istat Membru B u jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu. Ix-xerrej fl-Istat Membru A jirrifjuta li jħallas għaliex, fl-opinjoni tiegħu, il-merkanzija ma tikkorrispondix għal dak li ġie miftiehem. Il-bejjiegħ jiddeċiedi li jfittex għal ħlas sħiħ fl-Istat Membru A fuq il-bażi tal-kuntratt li jkun sar max-xerrej.

Spejjeż fil-Ġermanja

Spejjeż tal-proċedimenti fl-ewwel istanza jew fl-appell

Studju ta' każ	Proċedimenti fil-prim'istanza	Appell
	Tariffi inizjali tal-qorti	Tariffi inizjali tal-qorti
Każ A	EUR 1 035,00	Appell: EUR 1 380,00 Appell fuq punt ta' liġi EUR 1 725,00
Każ B	EUR 1 035,00	Appell: EUR 1 380,00 EUR 1 725,00

Onorarji ta' avukat, uffiċjal ġudizzjarju u esperti

Studju ta' każ	Avukat		Uffiċjal ġudizzjarju		Espert	
	Hemm rekwiżit għal rappreżentanza legali?	Spejjeż medji	Hemm rekwiżit li jkun involut uffiċjal ġudizzjarju?	Spejjeż wara s-sentenza	Hemm rekwiżit biex jissejjaħ espert?	Spejjeż
Każ A	Iva	L-Ewwel Istanza: EUR 2 231	Le	Jiddependi fuq it-tip ta' miżura ta' infurzar	Le	Abbażi tar-rati fis-siegħa. Il-livelli jvarjaw skont il-qasam ta' attività, iżda r-rata massima hija ta' EUR 125, flimkien mal-ispejjeż u l-VAT
Każ B	Iva	L-Ewwel Istanza: EUR 2 231	Le		Le	Abbażi tar-rati fis-siegħa. Il-livelli jvarjaw skont il-

						qasam ta' attività, iżda r-rata massima hija ta' EUR 125, flimkien mal-ispejjeż u l-VAT

Spiża biex jiġu koperti l-ispejjeż tax-xhieda

Studju ta' każ	Spejjeż tax-xhieda	
	Ix-xhieda huma intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż tagħhom?	**Spejjeż**
Każ A	Iva	Sa EUR 21 fis-siegħa għall-qligħ mitluf, apparti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u spejjeż oħra
Każ B	Iva	Sa EUR 21 fis-siegħa għall-qligħ mitluf, apparti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u spejjeż oħra

L-ispejjeż tal-għajnuna legali u r-rimborż ta' spejjeż oħra

Studju ta' każ	Għajnuna legali			Rimborż		
	Meta u f'liema kundizzjonijiet tista' tingħata l-għajnuna legali?	**Meta tingħata l-għajnuna legali kollha?**	**X'inhuma l-kundizzjonijiet?**	**Il-parti rebbieħa tista' titlob l-aġġudikazzjoni tal-ispejjeż tal-litigazzjoni?**	**Liema spejjeż mhumiex eliġibbli għar-rimborż?**	**Hemm każijiet fejn l-għajnuna legali trid titħallas lura?**
Każ A	Bħala regola, ma tingħata l-ebda għajnuna legali lil persuni ġuridiċi stabbiliti barra mill-UE. Rekwiżiti ġenerali: Il-parti trid tkun f' sitwazzjoni finanzjarja prekarja (mingħajr introjtu jew assi), u l-azzjoni legali jrid ikollha prospetti raġonevoli ta' suċċess u ma għandhiex tidher vessatorja.	Jekk l-introjtu disponibbli tal-parti mingħajr introjtu jew assi ma jaqbiżx l-EUR 15 wara t-tnaqqis ta' ċerti allowances bażiċi riċevuti minnha jew mill-membri tal-familja tagħha u tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tat-tisħin. L-għajnuna legali tista' tingħata wkoll b'mod sħiħ f'każijiet oħra, iżda trid tiġi rimborżata bin-nifs. L-ammont tal-ħlas bin-nifs jiddependi fuq l-introjtu disponibbli.	1. B'rikors (l-ebda avukat ma huwa meħtieġ biex isir ir-rikors) 2. Il-proċedura tkun għadha għaddejja 3. Ara wkoll il-kolonna 1.	Iva, sakemm ikunu rebħu l-każ.	Spejjeż mhux essenzjali għall-azzjoni legali jew għad-difiża tagħhom stess	Ara l-kolonna 2.
Każ B	Ara l-Każ A hawn fuq	Ara l-Każ A hawn fuq	Ara l-Każ A hawn fuq	Ara l-Każ A hawn fuq	Ara l-Każ A hawn fuq	Ara l-Każ A hawn fuq

Spejjeż ta' traduzzjoni u interpretazzjoni

Studju ta' każ	Traduzzjoni		Interpretazzjoni		Hemm xi spejjeż oħra relatati ma' tilwim transfruntier?
	Meta u f'liema kundizzjonijiet hija meħtieġa t-traduzzjoni?	**Spiża approssimattiva**	**Meta u f'liema kundizzjonijiet hija meħtieġa l-interpretazzjoni?**	**Spiża approssimattiva**	**Deskrizzjoni**
Każ A					
Każ B	Fil-prinċipju, is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub lill-qorti u l-evidenza dokumentarja kollha jridu jiġu tradotti. Il-qorti tista' tiddeċiedi li d-dokumenti ma għandhomx għalfejn jiġu tradotti jekk l-imħallfin kollha li jkunu qed jittrattaw il-kawża jifhmu l-lingwa inkwistjoni.	Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet EUR 1,55 għal kull 55 karattru, apparti l-ispejjeż u l-VAT	Il-lingwa tal-qrati hija l-Ġermaniż. Jista' jiġi deċiż li ma jkunx hemm interpretazzjoni jekk dawk kollha preżenti jkollhom għarfien tajjeb tal-lingwa barranija inkwistjoni.	EUR 70 fis-siegħa, flimkien mal-ispejjeż u l-VAT	Spejjeż ta' notifika ta' dokumenti barra mill-pajjiż

L-aħħar aġġornament: 08/11/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju tal-Każ 5 – Il-liġi kummerċjali – Ir-responsabbiltà – Il-Ġermanja

F'dan l-istudju tal-każ dwar id-dritt kummerċjali (ir-responsabbiltà), l-Istati Membru ntalbu jinfurmaw lill-klijent dwar l-ispejjeż tat-tilwim fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: manifattur tat-tagħmir tat-tisħin jikkonsenja apparat tat-tisħin lil installatur. L-installatur ibigħ l-apparat lil klijent u jinstallah fid-dar tal-klijent. Ikun hemm każ ta' nar ftit wara. Kull waħda mill-partijiet (il-manifattur, l-installatur u l-klijent aħħari) hija assigurata. Il-kawża tan-nar hija kkontestata. Ħadd ma jrid jagħti kumpens lill-klijent.
Il-klijent jiddeċiedi li jħarrek lill-manifattur tat-tagħmir tat-tisħin, lill-installatur u lill-kumpanija tal-assigurazzjoni għad-danni.
Każ B – Sitwazzjoni transfruntiera: manifattur ta' tagħmir tat-tisħin fi Stat Membru B jikkonsenja apparat tat-tisħin lil installatur fi Stat Membru C. l-installatur ibigħ l-apparat lil klijent u jinstallah fid-dar tal-klijent fl-Istat Membru A. Ikun hemm każ ta' nar ftit wara. Kull waħda mill-partijiet involuti (il-manifattur, l-installatur u l-klijent aħħari) hija assigurata minn kumpanija tal-assigurazzjoni fl-Istat Membru tagħha stess. Il-kawża tan-nar hija kkontestata. Ħadd ma jrid jagħti kumpens lill-klijent.
Il-klijent jiddeċiedi li jħarrek lill-manifattur tat-tagħmir tat-tisħin, lill-installatur u lill-kumpanija tal-assigurazzjoni fl-Istat Membru A għad-danni f'dak l-Istat Membru.

Spejjeż fil-Ġermanja

Spejjeż tal-proċedimenti fl-ewwel istanza jew fl-appell

Studju ta' każ	Proċedimenti fil-prim'istanza	Appell
	Tariffi inizjali tal-qorti	Tariffi inizjali tal-qorti
Każ A	Jiddependu fuq il-livell ta' danni mitluba	Jiddependu fuq il-livell ta' danni mitluba
Każ B	Jiddependu fuq il-livell ta' danni mitluba	Jiddependu fuq il-livell ta' danni mitluba

Onorarji ta' avukat, uffiċjal ġudizzjarju u esperti

Studju ta' każ	Avukat		Uffiċjal ġudizzjarju		Espert	
	Hemm rekwiżit għal rappreżentanza legali?	Spejjeż medji	Hemm rekwiżit li jkun involut uffiċjal ġudizzjarju?	Spejjeż wara s-sentenza	Hemm rekwiżit biex jissejjaħ espert?	Spejjeż
Każ A	Iva	Jiddependu fuq l-ammont tat-talba	Le	Jiddependu fuq it-tip ta' miżura ta' infurzar	Mhux meħtieġ mil-liġi – huwa f'idejn il-qorti li tiddeċiedi jekk espert huwiex meħtieġ	Abbażi ta' rati fis-siegħa. Il-livelli jvarjaw skont il-qasam ta' attività, iżda r-rata massima hija ta' EUR 125, apparti l-ispejjeż u l-VAT
Każ B	Iva	Jiddependu fuq l-ammont tat-talba	Le	Jiddependu fuq it-tip ta' miżura ta' infurzar	Ara hawn fuq	Abbażi ta' rati fis-siegħa. Il-livelli jvarjaw skont il-qasam ta' attività, iżda r-rata massima hija ta' EUR 125, apparti l-ispejjeż u l-VAT

Spiża biex jiġu koperti l-ispejjeż tax-xhieda

Studju ta' każ	Spejjeż tax-xhieda	
	Ix-xhieda huma intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż tagħhom?	Spejjeż
Każ A	Iva	Sa EUR 21 fis-siegħa għal-*lucrum cessans*, apparti vjaġġar u spejjeż oħra
Każ B	Iva	Sa EUR 21 fis-siegħa għal-*lucrum cessans*, apparti vjaġġar u spejjeż oħra

Spejjeż tal-għajnuna legali u rimborż ta' spejjeż oħra

Studju ta' każ	Għajnuna legali			Rimborż		
	Meta u b'liema kundizzjonijiet tista' tingħata l-għajnuna legali?	Meta tingħata l-għajnuna legali fl-intier tagħha?	X'inhuma l-kundizzjonijiet?	Il-parti prevalenti tista' titlob l-aġġudikazzjoni tal-ispejjeż tal-litigazzjoni?	Liema spejjeż mhumiex eliġibbli għar-rimborż?	Hemm każijiet fejn l-għajnuna legali trid tiġi rimborżata?
Każ A	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq
Każ B	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq

Spejjeż tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni

Studju ta' każ	Traduzzjoni		Interpretazzjoni		Hemm xi spejjeż oħra relatati ma' tilwim transfruntier?
	Meta u b' liema kundizzjonijiet tenħtieġ it-traduzzjoni?	Spiża approssimattiva	Meta u b'liema kundizzjonijiet tenħtieġ l-interpretazzjoni?	Spiża approssimattiva	Deskrizzjoni
Każ A					
Każ B	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq	Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet EUR 1,55 għal kull 55 karattru, apparti l-ispejjeż u l-VAT	Ara l-istudju tal-każ 4 hawn fuq	EUR 70 fis-siegħa, apparti l-ispejjeż u l-VAT	Spejjeż ta' notifika ta' dokumenti barra mill-pajjiż

L-aħħar aġġornament: 08/11/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.